



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 16 ta' Ġunju 2006
(OR. en)**

9870/06

**Fajl Interistituzzjonali:
2006/0043 (CNS)**

**AGRIORG 46
AGRIFIN 37
OC 421**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1673/2000, rigward l-ghajjnuna għall-proċessar tal-kittien u tal-qanneb imkabbra għall-ħjut, u r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, rigward il-qanneb eliġibbli għall-iskema ta' pagament uniku
LINJI GWIDA KOMUNI
Skadenza ta' konsultazzjoni għall-Bulgarija u għar-Rumanija:
16.06.2006

REGOLAMENT (KE) NRU .../2006 TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1673/2000, rigward l-ghajjnuna għall-proċessar tal-kittien u tal-qanneb imkabbra għall-ħjut, u r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, rigward il-qanneb eliġibbli għall-iskema ta' pagament uniku

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

¹ Opinioni ta' ... (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

- (1) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u l-qanneb imkabbra għall-ħjut¹ jeħtieġ li l-Kummissjoni tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ghajjnuna għall-proċessar, flimkien ma' proposti jekk ikun hemm bżonn. Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, huwa kunsiljabbli li s-sistema kurrenti tibqa' fis-seħħ sas-sena tas-suq 2007/2008, inklużivament.
- (2) L-ghajjnuna għall-proċessar għall-ħjut qosra tal-kittien u għall-ħjut tal-qanneb li ma jkunx fihom aktar minn 7,5% ta' impuritajiet u ta' twarrib tapplika sas-sena tas-suq 2005/2006. Madankollu, fid-dawl tax-xejriet favorevoli tas-suq għal dan it-tip ta' ħjut taħt l-iskema kurrenti ta' ghajjnuna u bil-għan li jingħata kontribut għall-konsolidament ta' prodotti innovattivi u tal-postijiet tal-bejgħ tagħhom fis-suq, l-applikazzjoni ta' din l-ghajjnuna għandha tiġi estiża sas-sena tas-suq 2007/2008.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1637/2000 jipprovdi għal żieda fil-livell ta' l-ghajjnuna għall-proċessar tal-ħjut twal tal-kittien mis-sena tas-suq 2006/2007 'il quddiem. Ġaladarba l-ghajjnuna għall-proċessar għall-ħjut qosra qed tinżamm sas-sena tas-suq 2007/2008, l-ghajjnuna għall-proċessar għall-ħjut twal tal-kittien għandha tiġi limitata għal-livell kurrenti sas-sena tas-suq 2007/2008.
- (4) Bil-għan li tiġi promossa l-produzzjoni ta' ħjut qosra tal-kittien u ta' ħjut tal-qanneb ta' kwalità għolja, l-ghajjnuna qed tingħata lil ħjut li fihom massimu ta' 7,5% ta' impuritajiet u ta' twarrib. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan il-limitu u jagħtu ghajjnuna għall-proċessar tal-ħjut qosra tal-kittien li tkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' twarrib bejn 7,5% u 15%, u għall-ħjut tal-qanneb li tkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' twarrib bejn 7,5% u 25%. Ġaladarba din il-possibbiltà hija miftuħa biss sas-sena tas-suq 2005/2006, jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jidderogaw minn dak il-limitu għal sentejn oħra tas-suq.

¹ ĠU L 193, 29.7.2000, p. 16. Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005.

- (5) Sabiex jiġu żgurati livelli raġonevoli ta' produzzjoni f'kull Stat Membru, jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu li fih japplikaw il-kwantitajiet garantiti nazzjonali.
- (6) L-għajnuna addizzjonali ilha xi żmien tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni tradizzjonali tal-kittien f'ċerti reġjuni ta' l-Olanda, tal-Belġju u ta' Franza. Jeħtieġ li din l-għajnuna tranżizzjonali tiġi estiża sas-sena tas-suq 2007/2008, sabiex l-istrutturi ta' l-irziezet jibqgħu jitħallew jadattaw irwieħhom gradwalment għall-kundizzjonijiet il-ġodda tas-suq.
- (7) Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kmieni biżżejjed qabel il-bidu tas-sena tas-suq 2008/2009 sabiex jiġi studjat jekk is-sistema kurrenti teħtieġx li tiġi adattata jew għandhiex tinżamm fil-futur kif inhi.
- (8) L-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa¹ jipprovdi li biss il-qanneb imkabbar għall-ħjut ikun eliġibbli għall-iskema ta' pagament uniku stabbilita taħt it-Titolu III ta' dak ir-Regolament. Huwa kunsiljabbli li jsir eliġibbli wkoll it-tkabbir tal-qanneb għal użi industrijali oħra.

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).

- (9) B'kont meħud ta' l-amministrazzjoni annwali ta' pagamenti diretti, huwa kunsiljabbli li l-modifiki lill-kondizzjonijiet ta' eliġġibbiltà ta' l-iskema ta' pagament uniku japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.
- (10) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1673/2000 u (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1673/2000 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-ammont ta' l-ghajjnuna għall-proċessar fuq kull tunnellata metrika ta' hġut għandu jiġi stabbilit kie ġej:

- (a) għall-hġut it-twal tal-kittien:

- EUR 100 għas-sena tas-suq 2001/2002,
- EUR 160 għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2007/2008,
- EUR 200 mis-sena tas-suq 2008/2009 'il quddiem;

- (b) għall-hġut il-qosra tal-kittien u għall-hġut tal-qanneb li jkunu fihom mhux aktar minn 7,5% ta' impuritajiet u ta' twarrib: EUR 90 għas-snin tas-suq 2001/2003 sa 2007/2008.

Madankollu, għas-snin tas-suq 2001/2002 sa 2007/2008, l-Istat Membru jista', b'referenza għall-postijiet tal-bejgħ tradizzjonali, jiddeċiedi wkoll li jagħti għajjnuna:

- għall-ħjut il-qosra tal-kittien li tkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' twarrib bejn 7,5% u 15%,
- għall-ħjut tal-qanneb li tkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' twarrib bejn 7,5% u 25%.

Fil-każijiet previsti fit-tieni subparagrafu, l-Istat Membru għandu jagħti l-għajjnuna fir-rigward ta' kwantità li ma taqbiżx dik prodotta, fuq il-bażi ta' 7,5% ta' impuritajiet u ta' twarrib."

- (2) Fl-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kwantitajiet nazzjonali garantiti għall-ħjut il-qosra tal-kittien u għall-ħjut tal-qanneb ma għandhomx jibqgħu japplikaw mis-sena tas-suq 2008/2009."

- (3) Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 4, "2005/2006" għandha tinbidel b'"2007/2008".

- (4) L-Artikolu 12 għandu jitħassar.

- (5) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 15:

"3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jekk meħtieġ akkumpanjat bi proposti, kmieni biżżejjed sabiex il-miżuri proposti jkunu jistgħu jiġu implimentati matul is-sena tas-suq 2008/2009.

Ir-rapport għandu jinkludi stima ta' l-impatt ta' l-għajjnuna għall-proċessar fuq il-produtturi, fuq l-industrija tal-proċessar u s-suq tal-ħjut tessili. Għandu jeżamina l-possibbiltà li jiġu estiżi lil hinn mis-sena tas-suq 2007/2008 l-għajjnuna għall-proċessar għall-ħjut qosra tal-kittien u għall-ħjut tal-qanneb u l-għajjnuna addizzjonali, kif ukoll il-possibbiltà li din l-iskema ta' għajjnuna tiġi integrata fil-qafas ġenerali ta' appoġġ għall-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003."

Artikolu 2

L-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 52

Produzzjoni tal-qanneb

1. Fil-każ ta' produzzjoni tal-qanneb, il-varjetajiet użati għandu jkollhom kontenut ta' 'tetrahydrocannabinol' li ma jaqbiżx 0,2%. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema għall-verifika tal-kontenut ta' 'tetrahydrocannabinol' fil-prodotti mkabbra f'mill-inqas 30% taż-żoni kultivati bil-qanneb. Madankollu, jekk Stat Membru jintroduċi sistema ta' approvazzjoni minn qabel għal tali kultivazzjoni, il-minimu għandu jkun 20%.
2. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2), l-għoti ta' pagamenti għandu jkun magħmul suġġett għall-użu ta' żrieragħ ċertifikati ta' ċerti varjetajiet."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ, ħlief l-Artikolu 2 li għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill

Il-President
